**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 21

22.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

22.2.3 Fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' Numru 2

22.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tieni laqgħa tal-lokalita' li saret fid-9 ta' Diċembru 2020. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

22.3.3 Fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.4.1 Is-Sur Dalli avża lil kunsilliera kif b'relazzjoni mal-fondi li hemm għall-Proġetti ta' Slow streets, huwa għandu ħsieb li ssir *pedestrianisation* fi Triq Enejja u din it-triq issir ukoll bil-pavimentar apposta. Huwa qal li kemm il-darba l-kunsill kollu jaqbel, issir ukoll konsultazzjoni mar-residenti ta' din it-triq. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

22.4.2 Is-Sindku tkellem fuq Trejqet Kejriku Ġakbu Abela fejn qal li wara ħafna talbiet lil TM din it-triq fl-aħħar ġiet *one-way except for farmers*, minnflokk it-tabella tat-*tracktors*. Huwa kompla jgħid kif il-kunsill issa ser jieħu ħsieb jiprepara u jagħti ttra lil bdiewa kollha li jipreżentaw il-ktieb tar-raba, dan biex naturalment ikollhom prova li huma bdiewa u jitħallew jgħaddu minn din it-triq miż-żewġ naħat. Is-Sur Dalli kompla jgħid li l-kunsill fadallu jibqa jġri wara TM biex tispiċċa wkoll il-*oneway* ta' ħdejn Ħalmann u Kinds, skond qbil mal-bdiewa li joperaw fl-inħawi.

22.4.3 Is-Sindku tkellem dwar appuntament li kellu milux ma' uffiċċjal minn ERA fejn ħa parir dwar xi żbir tas-siġar fil-pjazza. Mingħand dan l-uffiċċjal huwa ukoll talab parir u għajnuna dwar il-valur tas-siġar li hemm fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u Vjal it-Trasfigurazzjoni u jekk dawn jistgħux jinbidlu minn Oleanders għal xi ħaġa oħra, kemm il-darba jkun il-bżonn u bi qbil unanimu mill-kunsill. Is-Sur Dalli qal li l-uffiċċjal tal-ERA qed jissuġġerrixi li jsir kuntatt mas-Sur Peter Calleja peress li dan huwa professjonalista li jista jkun ta' għajnuna. Għalhekk is-Sur Dalli ressaq fuq il-mejda s-suġġeriment biex jiġi kkuntatjat s-sur Calleja u jintalab il-parir tiegħu fuq dawn is-siġar u jekk hemm bżonn il-quddiem anke jintalab il-parir tiegħu fuq il-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill unanimament qabel. Li għandu jsir dan il-kuntatt favur aktar tisbieħ fil-lokal.

22.4.4 Is-Sur Dalli nfurma lil kunsilliera kif TM approvat l-implementazzjoni tal-linji, kaxxi u sinjali oħra tat-traffiku fit-toroq kollha fl-akwata tal-Mirakli, kif kien applika l-kunsill riċenti. TM approvat ukoll it-talba tat-twessar tal-bankina li kien talab resident partikulari fi Triq il-Forn fejn il-*Grasshopper bar*. Is-Sindku qal kif dawn l-implementazzjonijiet ser jibdew isiru bilmod mis-sena id-dieħla, 2021.

22.4.5 Is-Sindku tkellem fuq il-festival taċ-ċitru, fejn qal li huwa ma jidhirlux li dan għandu jsir fiċ-ċirkustanzi preżenti tal-pandemija ta' Covid-19 u ser jitħassar, skond struzzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa dwar avvenimenti tal-massa.

22.4.6 Is-Sur Dalli tkellem mal-kunsilliera dwar skema li ħareġ ir-Reġjun Ċentru għal xiri ta' 68,00 maskri biex jitqasmu lir-residenti fil-lokal. Huwa qal li kif infurmathom diġa s-Segretarju Eżekuttiv dwar din l-iskema u kif ser tkompli tispjegalhom aktar tard fil-laqgħa, kull kaxxa fiha 50 maskra; 5 pakketti bi 10 maskri f'kukll pakkett. Huwa qal li r-residenti kollha ser jibbenifikaw minn din l-iskema, pero talab għal parir tal-kunsilliera jekk għandix tingħata kaxxa ta' 50 maskra f'residenza fejn tgħix persuna waħda. Kien hemm qbil li f'residenza fejn tgħix familja kbira tingħata kaxxa u f'residenza fejn tgħix persuna weħidha flokk tingħata kaxxa, jingħataw żewġ pakketti li kull pakkett fih 10 maskri, jiġifieri total ta' 20 maskra.

## 22.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, pero s-sur Zahra kellu mistoqsija żgħira li s-sindku approva biex iwieġeb.

22.5.2 Is-Sur Zahra staqsa jekk mhux ser isiru u meta ser isiru l-*parking bays* fi Triq is-Salvatur għaliex qed jistaqsuh ir-residenti ta' spiss. Is-Sur Dalli wieġbu li dawn ser isiru pero b'kawtela għaliex fil-passat kienu diġa saru bil-perit u kellu jerġa jitneħħa kollox għaliex mid-dehra ma sarux kif għandu jkun u kien hemm ħafna lmenti mir-residenti tal-akwata.

22.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kkonfermat dan u qalet li dawn kellhom jitħassru b'mod immedjat ftit wara li saru mill-kuntrattur skond l-*isketch* li kien għamel il-perit tal-kunsill. Fuq bażi ta' dan is-Sur Dalli qal li ssa ser ikun qed jiprepara *sketch* huwa skond il-linji gwida u kundizzjonijiet li kienet ħarġet Transport Malta mal-approvazzjoni tal-implementazzjoni ta' dawn il-*parkings bays* kif għamel għal Triq Dun Ġużepp Tanti.

22.5.4 Waqt li kienet qed issir diskussjoni fuq dawn il-*parkings bays*, il-kunsillier is-Sur Cini staqtsa meta ser isiru l-*parking bays* ta' Triq Annibale Preca u Triq Sir Ugo Mifsud issa diment li t-*tarmac* ġdid f'dawn iż-żewġ toroq huwa komplut. Is-Sur Dalli qallu li dik mhux responsabbilta tal-kunsill u din l-implementazzjoni, li trid issir mill-ġdid hija xi ħaġa li trid tieħu ħsieb *Infrastructure Malta*. Is-Sur Cini żied jistaqsi jekk mhux qed isiru *reminders* lil IM dwar din l-implementazzjoni u assigurah li s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff għamlu diversi r*eminders* fuq bażi regolari.

## 22.6 Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021

22.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja *draft* tar-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2021 li ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant*. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħatet b'imejl lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

22.6.2 Qabel ma s-sindku tkellem dwar dan ir-rapport, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif id-dipartiment tal-Gvern Lokali kien diġa bgħat l-allokazzjoni finanzjarja ntitolata lil kunsill għas-sena 2021 u b'hekk dan ir-rapport seta jiġi preparat aħjar. Is-Sinjorina Borg spjegat u qrat il-figuri tal-allokazzjoni għas-sena 2021 li ġew intitolati lil-kunsill lokali. Kopja tal-allokazzjoni ser tintbgħat lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl.

22.6.3 Wara dan is-Sur Dalli tkellem dwar ir-rapport tal-estimi finanzjarji li ġie ppreparat mill-*accountant,* naturalment b'konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv flimkien miegħu. Huwa ta spjegazzjoni qasira ta' dan ir-rapport u l-estimi finanzjarji għas-sena 2021 tal-kunsill kif ġej.

22.6.4 Qed jiġi estimat li l-kunsill ser jkollu dħul totali ta' €353,525. Dan id-dħul jikkonsisti minn €309,525 allokazzjoni mill-Gvern Lokali, €4,000 minn bye-laws, €10,000 minn LES u dħul ieħor ta' €30,000. Is-Sindku hawnhekk spjega kif il-kunsill għadu qed jiġri wara diversi entitajiet mingħand minn baqalu jirċievi xi dħul ta' flus, fosthom Wasteserv li għadha ma tatx rimborż lil kunsill tal-ġbir tal-iskart organiku. Wasteserv għadt għandha pagamenti pendenti x'jingbatħu lil kunsill mill-aħħar tas-sena 2019.

22.6.5 Is-Sur Dalli spjega kif il-Kunsill Lokali ser ikollu wkoll nefqa totali ta' €368,551. Din in-nefqa tikkonsisti minn €104,271 salarji, pagi u *allowances*, €200,894 għal servizzi mgħottija minn kuntratturi u manutenzjoni fir-raħal, €55,271 għal servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni u nfiq ġenerali ieħor ta' €8,115.

22.6.6 Is-Sindku kompla jgħid li dan iffisser li l-kunsill lokali ser ikollu *deficit* ta' €15,026 għas-sena 2021 u l-FSI ser tkun ta' 85%.

22.6.7 Is-Sur Dalli qal ukoll kif il-kunsill lokali mhux suppost ser ikollu dejn għas-sena 2021 ma' ħadd. Id-dejn li kien għadu qed iħallas il-kunsill lil Polidano Brothers Ltd ser jitħallas issa fl-aħħar ta' Diċembru 2020. Filfatt l-aħħar pagament lil Polidano Brothers Ltd qiegħed miżjud fl-iskeda ta' pagamenti tal-istess seduta għall-approvazzjoni.

22.6.8 Is-Sindku, s-sur Dalli qal kif is-Segretarju Eżekuttiv flimkien miegħu qed jimmaniġjaw il-flus tal-kunsill b'kawtela u bil-għaqal u dan biex il-kunsill jirnexxilu jġemma u jkabbar id-dħul tiegħu aktar ħalli fil-futur ikun komdu jimplementa u jwettaq proġetti għal ġid tal-lokal kollu. Filfatt huwa tenna kif il-kunsill issa jinsab f'qadgħa komdu fejn jista jwettaq ċertu proġetti kkumparat mas-snin ta' qabel.

22.6.9 Is-Sur Dalli għalaq din it-tema billi qal kif dan ir-rapport jaf jiġi modifikat ħarira oħra fil-figuri fuq bażi tal-allokazzjoni mgħotija u ser jerġa jitella għall-approvazzjoni finali fis-seduta li jmis li għaliha ser ikun hemm l-*accountant* preżenti biex jekk il-kunsilliera għandhom xi klarifikazzjonijiet ikunu jistgħu jgħaddu l-mistoqsijiet tagħhom lil *accountant*.

## 22.7 Korrispondenza

22.7.1 Il-Kunsilliera għamlu domandi fuq diversi imejls u ttri li kienu mniżżla fir-rapport tal-korrispondenza, iżda s-sur Dalli ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv kif mhux il-bżonn li dawn id-domandi jitniżlu kollha fil-minuti peress li ħafna mill-imejls/ ittri li ntalbu l-klarifikazzjonijiet dwarhom m'humiex ta' materja daqshekk importanti anzi pjuttost sempliċi u ċari mmens.

22.7.2 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza nru 0682/20. Is-Sur Dalli nfurmah li din hija korrispondenza li tintbgħat minn enġinier imqabbad mir-Reġjun Ċentru biex darba fix-xahar jagħmel *health inspections* fuq il-*playingfields* li għandu l-kunsill.

22.7.3 Is-Sur Zahra għamel domanda dwar korrispondenza nru 0711/20 b'isem '*Reserved parking for school transport'*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif din il-materja ser tkun diskussa aktar il-quddiem fil-laqgħa.

## 22.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

22.8.1.1 <u>Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv – Approvazzjoni tas-Sur Etienne Montfort</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-tiġdied ta' ħatra għal Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din il-korrispondenza diġa ntbgħatet lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl fejn ġew mistoqsija jekk hemmx qbil li d-deputat segretarju eżekuttiv jibqa s-Sur Etienne Montfort, is-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill Lokali Iklin.

22.8.1.2 Fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-Kunsill unanimament qabel li jerġa jinnomina lis-Sur Montfort għal dan l-irwol. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lis-Sur Montfort biex huwa jikkonferma din il-pożizzjoni billi jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni tiegħu biex din tiġi umbagħad mgħoddija għall-attenzjoni tad-dipartiment tal-Gvern Lokali.

22.8.2.1 <u>Skema Finanzjarja 9/2020 tar-Reġjun Ċentru – Għajnuna għal waqt *il*-COVID *19*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet informazzjoni lil kunsilliera dwar kif ir-Reġjun Ċentru ħareġ skema finanzjarja 9/2020, dan sabiex kunsilli lokali li jaqaw fi ħdanu jiġu rrifonduti lura l-ispejjeż għal xiri ta' maskri lir-residenti. Kull kunsill ser jibbenifika minn fond massimu ta' €5,000. Din l-informazzjoni diġa ġiet mgħoddija wkoll lil kunsilliera b'permezz ta' imejl.

22.8.2.2 Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega kif ir-Reġjun Ċentru diġa ħa ħsieb li jġib kwotazzjonijiet mingħand *suppliers* differenti, fejn dawn il-kwotazzjonijiet ġew mgħoddija għar-referenza tal-kunsilli lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li l-kunsill ipproċeda bl-irħas kwotazzjoni, wara qbil li kien sar bejn il-kunsilliera kollha b'korrispondenza kemm bil-miktub anke bil-fomm fuq it-telefown.

22.8.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif f'isem il-kunsill lokali hija ddikjarat l-interess għal din l-iskema, fejn anke infurmat lir-Reġjun Ċentru li ser ikunu r-residenti kollha tal-lokal li ser jibbenifikaw mix-xiri ta' dawn il-maskri.

22.8.2.4 Il-Kunsill unanimament u uffiċjalment reġgħa qabel ma' din l-iskema u l-benefiċċju tagħha.

22.8.3.1 **<u>Skema Finanzjarja 10/2020 tar-Reġjun Ċentru – Għall-Proġetti fil-Komunita'</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera b'skema oħra maħruġa mir-Reġjun Ċentru, l-iskema finanzjarja numru 10/2020 biex isiru proġetti għal ġid tal-komunita'. Din il-korrispondenza diġa ġiet mgħoddija lil kunsilliera b'permezz ta' imejl. Kull kunsill ser jibbenifika minn fond massimu ta' €3,000.

22.8.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-kunsill lokali għandu ċans jiddikjara l-interess tiegħu f'din l-iskema sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2021, fejn anke jrid jindika l-proġett li ser isir permezz ta' dawn il-fondi.

22.8.3.3 Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal din l-iskema biex tiġi mplementatha *zebra crossing* fi Vjal It-Trasfigurazzjoni, li diġa ġiet approvatha biex issir fi seduta preċedenti oħra.

22.8.4.1 **<u>Skema Finanzjarja 11/2020 tar-Reġjun Ċentru – Għall-Proġett '*Spinning Photos*'</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera b'skema oħra maħruġa mir-Reġjun Ċentru, l-iskema finanzjarja numru 11/2020 biex isir proġett ieħor ma' 'Spinning photos' sabiex knejjes, kappelli jew postijiet storiċi magħżulha mill-kunsill isiru jidhru b'mod virtwali permezz ta' apparat elettroniku. Din il-korrispondenza diġa ġiet mgħoddija lil kunsilliera b'permezz ta' imejl. Kull kunsill ser jibbenifika minn fond massimu ta' €2,000.

22.8.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-kunsill lokali għandu ċans jiddikjara l-interess tiegħu f'din l-iskema sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2021, fejn anke jrid jindika l-proġett li ser isir permezz ta' dawn il-fondi.

22.8.4.3 Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal din l-iskema biex isir proġett virtwali ieħor. Is-Sindku għandu jitħadded mal-kappillan dwar din l-iskema sabiex jagħżel knisja jew kappella oħra biex tidher b'mod virtwali, umbghad għandu jinforma lil kunsill lura bl-għazla.

22.8.5.1 **<u>Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – '*Smart Solutions*' għall-Immaniġjar tal-iskart</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda ċirkulari maħruġa mid-dipartiment għall-gvern lokali bl-isem Espressjoni ta' Interess – '*Smart Solutions*' għall-immaniġjar tal-iskart. Din il-korrispondenza diġa ġiet mgħoddija permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha.

22.8.5.2 Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ser ikun qed jalloka €900,000 sabiex il-kunsilli lokali jkunu f'pożizzjoni li jsibu soluzzjonijiet ulterjuri u nnovattivi ta' kif wieħed jiddisponi mill-iskart bl-aktar mod effiċjenti. Dan biex ikun hemm aktar indafa fil-lokalitajiet.

22.8.5.3 Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa japplikaw għall-proġetti kreattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-linji gwida u l-lista tat-tip ta' proġetti li jistgħu jitwettqu li fosthom hemm; 1. Proġetti li jaħdmu bl-enerġija solari u jnqassu l-emmissjonijiet, 2. Servizzi mfassla skond il-bżonnijiet tar-residenti speċjalment fejn hemm diffikulta fil-ħin tal-ħruġ tal-iskart, 3. Proġetti bi provediment ta' *bring-in sites*, 4. Proġetti bi provedimant ta' aktar *smart bins* li jinkludu anke l-iskart organiku, 5. Sistemi ta' infurzar li jikkontrollaw il-ħruġ tal-iskart inkluż CCTVs etc. Il-Proġetti għandhom jitweqqu sa mhux aktar tard mis-27 ta' Mejju 2022.

22.8.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlitha ċara li din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% biss u l-kunsill lokali għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sas- 26 ta' Frar 2021 u l-applikazzjoni tista tiġi sottomessa biss permezz tal-kunsill Reġjonali tiegħu, f'dan il-każ ir-Reġjun Ċentru. Infatti hija qalet kif dwar din l-iskema diġa għamlet kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru biex f'każ il-kunsill interessat jagħmel sottomessjoni, tkun taf kif ser jiġu kko-ordinazzati l-affarijiet magħha. Is-Sinjorina Borg għalhekk kompliet tgħid li huwa mportanti ħafna li sas-seduta ta' Jannar il-kunsill ikun unanimament qabel fuq proġett kemm il-darba nteressat japplika. Possibilment sal-laqgħa ta' Jannar il-kunsilliera għandhom jibgħatu lis-segretarju eżekuttiv il-proposti tagħhom bil-miktub.

22.8.5.5 Saret diskussjoni qasira bejn il-kunsilliera kollha. Is-Sindku ssuġġerixxa li x'imkien għal żmien qasir titpoġġa skip żgħira temporanjament biex min ikollu xi żabra jiddisponi minnha f'din l-iskip b'mod faċli. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fejn hemm żoni bl-għelieqi fejn sfortunatament qed jispiċċaw *dumping sites*, il-kunsill jista jikkunsidra li b'dawn il-fondi jagħmel CCTVs bħal fi Triq Depiro Gourgion, Triq Salvu Misfud, Triq Kardinal Ferretti, l-akwata ta' Ta' senna etċ.

22.8.5.6 Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill jista jikkunsidra l-possibbilta li jiġu nstallati ibins diment li dawn l-ibins ikunu ta' ċertu kwalita u jinżammu fi stat tajjeb. Huwa qal li jista anke jitpoġġa x'imkien ibin wieħed kbir imqarr tal-ħġieġ biex min ma jingabarlux l-ħġieġ fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar ikollu fejn jiddisponi minnu. Fuq dan il-punt is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li wieħed jrid joqgħod attent fejn ipoġġi ibin bħal dan mhux sempliċiment biss għax jaf iġib il-ħmieġ iżda anke minħabba l-istorbju u ċ-ċekċiek li wieħed jagħmel meta jiddisponi mill-flixkien tal-ħġieġ fi ibin, li jaf joħloq

inkonvenjenza lir-residenti. F'każ li jsir dan l-ibin ġie ssuġġeriet li jsir fil-pjazza viċin il-latrini, f'Tal-Mirakli jew fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn il-ġnien fejn ix-xatba.

22.8.5.7 Deċiżjoni finali dwar dan is-suġġett ma ttieħditx u din il-materja ser terġa titella fis-seduta li jmiss biex titkompla d-diskussjoni.

22.8.6.1 <u>Skema tiswija tal-qtates – Ministeru għall-Agrikultura, sajd u għad-drittijiet tal-annimali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif il-Ministeru għall-Agrikulutra, sajd u drittijiet tal-annimali, uffiċjalment ħareġ skema ta' €40,000 għat-tiswija tal-qtates li minnha ser jibbenifikaw il-kunsilli lokali kollha f'Malta u Għawdex, biex jitnaqqas l-ammont ta' qtates abbandunati.

22.8.6.2 Biex jipparteċipa l-kunsill irid jibgħat lista *updated tal-feeders* lil *animal welfare department* u jirreġistra l-interess tiegħu ħalli umbagħad jiġi kkuntatjat mill-*animal welfare department* biex jiġbor il-*batch tal-vouchers* allokati lilu, għar-raħal tiegħu. Il-*feeders* irreġistrati mal-kunsill umbagħad għandhom jiġbru dawn il-*vouchers* mill-uffiċċju kemm il-darba jkollhom bżonn u jsarfuhom għand wieħed mit-tlett *vets* magħżulha mill-*animal welfare department*.

22.8.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa qed tieħu ħsieb tirreġistra l-interess tal-kunsill għal din l-iskema u anke qed iżżom kuntatt regolari mal-*feeders* irreġistrati u taġġornahom b'kull tip ta informazzjoni ġdida dwar din il-materja.

22.8.6.4 Il-kunsill ħa nota ta' dan.

22.8.7.1 <u>Ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill għal żmien il-Milied u sena ġdida</u>
Wara konsultazzjoni li diġa saret mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex l-uffiċċju amministrattiv lejliet il-Milied 2020 u lejliet l-ewwel tas-sena 2021, jiftaħ sa 12:00pm biss u l-għada tal-Milied 2020 u l-għada tal-ewwel tas-sena 2021, l-uffiċċju jkun magħluq. Kemm il-darba l-kunsill jaċċetta hija qalet li ser tieħu ħsieb jitweħlu l-avviżi minnufih biex ir-residenti jkunu nfurmati minn qabel.

22.8.7.2 Il-Kunsill unanimament aċċetta u approva din it-talba.

22.8.8.1 <u>Tnedija tal-Proċess għas-sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera b'komunikat mibgħut mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tnedija tal-proċess għas-sejħa ta' nteress għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Fl-2031 belt oħra Maltija ser ikollha l-opportunita li tingħata timbru ta' eċċellenza billi tiġi ddikjarata bħala Belt Kapitali Ewropea Kultura.

22.8.8.2 Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din it-tnedija ser tkun qed tiġi mmexxija mill-Aġenzija Kultura għall-Belt Valletta, l-istess aġenzija li mexxiet il-fondazzjoni *Valletta 18.* Fl-ewwel fażi ta' dan il-proċess din l-aġenzija ser tkun lokalment qed tilqa proposti fi forma ta' espressjoni ta' interess mingħand il-kunsilli reġjonali. Għalhekk dejjem jekk interessati, kunsilli lokali huma mħeġġa jikkorispondu mal-kunsill reġjonali li jaqaw fi ħdanu biex jissottomettu l-proposti tagħhom.

22.8.8.3 Is-Sindku qal li huwa jixtieq li Ħal Lija bħala raħal ta' tant kalibru u sbuħija li għandu, il-kunsill irid jagħmel sfortz biex proġett bħal dan jidħol għalih bis-serjeta u jkun fiċ-ċans li jingħata dan it-timbru ta' eċċellenza. Biex il-kunsill ikun fiċ-ċans li jakkwista dan it-timbru ma jistax jieħu deċiżjoni waħdu u għandu bżonn għajnuna professjonali ta' niex li jifhmu fi proġetti bħal dawn. Is-Sindku ssuġġerrixxa li tista tinkiseb għajnuna mingħand il-perit Mamo li huwa espert f'dan il-proċess u faċilment jgħin lil kunsill bl-applikazzjoni tal-kunsill. Is-Sur Ċini anke ssuġġerrixxa li l-kunsill jikseb l-għajnuna ta' Profs. Joe Friġġieri li hu kittieb u jaf l-istorja ta' Ħal Lija. Is-Sur Dalli qal li jaf ikun ta' għajnuna ukoll il-Profs li ppubblika l-ktieb tar-Reġjun Ċentru riċenti.

22.8.8.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ukoll qalet li hija għandha kollega studjuż, Vincent Zammit li studja u diġa kiteb fuq Ħal Lija u jaf ikun ta' għajnuna għal kunsill. Is-Sindku qal lil kunsilliera biex jekk jafu b'xi nies oħra jinnominawhom. Is-Sur Mallia għandu jitkellem ma' xi professjonisti mill-Universita ukoll.

22.8.8.5 Is-Sur Dalli ser jibda jaħdem fuq din l-applikazzjoni u jkellem lil professjonisti u jerġa jaġġorna lil kunsill bid-dettalji. Ser tkun anke qed issir konsultazzjoni mal-kunsill Reġjonali, ir-Reġjun Ċentru.

22.8.9.1 <u>Talba għal-*reserved parking* mingħand is-surmast tal-iskola, quddiem l-entratura kollha tal-iskola</u>
Is-Sinjorina Borg ressqet talba mingħand is-surmast tal-iskola, biex quddiem l-entratura prinċipali tal-iskola tiġi mplementatha *reserved parking for school transport*. Hija qed titlob dan għaliex quddiem l-entratura qed ikun hemm il-karozzi tal-ġenituri pparkjati u t-trasport ma jkollux fejn jieqaf biex iniżżel jew jgħabbi lit-tfal.

22.8.9.2 Il-Kunsill approva din it-talba u għandha tintbgħat applikazzjoni b'din it-talba lil TM.

22.8.10.1 <u>Kwotazzjoni fuljett tal-kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kwotazzjoni rigward it-tieni pubblikazzjoni tal-fuljett tal-kunsill. Din il-kwotazzjoni kienet tinkludi fiha kemm l-ispiża tad-*design*, tal-*printing* u kif ukoll tal-*proof reading*.

22.8.10.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-kwotazzjoni biex il-fuljett jibda jiġi pprintjat kemm jista jkun malajr.

22.8.11.1 <u>Presepju fil-pjazza</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera bl-ispiża u x-xiri ta' presepju li kien jikkonsisti fih Madonna, Bambin u San Ġużepp, li tpoġġa fil-pjazza fuq iz-zuntier mal-kumplament tat-tiżjien. Din l-ispiża hija xi ħaġa li kien diġa qasam u tkellem dwarha s-sindku fi seduta preċedenti.

22.8.11.2 Hawnhekk is-Sur Dalli rringrazzja lis-Sur Zahra għax kien bis-saħħa tiegħu li l-kunsill irnexxilu jġib dan il-presepju.

## 22.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjes oħra

22.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 13/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €128.42 għax-xahar ta' Novembru.

22.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joseph Zahra li kien ssekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 22.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

22.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ġewwa Ħal Lija jidher li ma kienx hemm.

## 22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

22.11.2 Is-Sur Zahra staqsa jekk kienx hemmx xi *feedback* ġdid dwar l-oġġezzjoni li ssottometta l-kunsill f'isem il-kamra tan-nar. Is-Sur Dalli wieġbu li alissa le ma kienx hemm *feedback*.

22.11.3 Il-laqgħa ntemmet fil-6:26pm. Is-Sindku u l-kunsilliera awguraw il-Milied it-tajjeb u bidu ta' sena ġdida lil xulxin, lil l-istaff u lir-residenti kollha, bit-tama li sena oħra tkun daqsxejn aħjar u l-pandemija tkun taffiet.

22.11.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |